# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 8 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:- 231/2022 JVC**

**Joseph Sciberras (ID No. 0305375M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Joseph Sciberras talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent twieled fil-15 ta Gunju tas-sena 1975 f'Malta fl-isptar ta' Saint Luke's il-Pieta, hekk kif jidher fic-certifikat tat-

twelid tieghu bin-numru 020833, mahrug mill-Ufficju tar-Registru Pubbliku ta' Malta (liema certifikat hawn anness u mmarkat **Dok.A**);

2. Illi, kif jidher fic-certifikat ta' Dok.A, l-esponent inghata l-ismijiet "**Joseph, Emanuel, Angelo, Carmel**" u fl-istess certifikat huwa ddikjarat illi ghandu jissejjah bl-isem "**Joseph**";

3. Illi l-isem "**Joseph**" jidher ukoll fil-karta tal-identita' tar-rikorrent, hawn annessa u mmarkata **Dok.B;**

4. Illi r-rikorrent, li issa ghandu 46 sena, ilu hajtu kollha juza l-isem "**Josef**" bhala l-isem li bih jigi imsejjah, kif ukoll huwa maghruf konsistentament bhala "**Josef**" kemm mill-familjari, konoxxenzi u fil-kunvent fejn huwa iwettaq il-vokazzjoni tieghu ta' Patri. Fil-fatt huwa maghruf bhala "**Father Josef**". Il-fatt li ilu hajtu shiha jissejjah "**Josef**" jidher car f'diversi dokumenti fosthom zewg "Rapporti lill- Genituri" tas-skola primarja tal-Fgura datati 1982 u 1984 (hawn annessi u mmarkati **Dok.C** u **Dok.D**), stedina tal-maghmudija tar-rikorrent (hawn annessa u mmarkata **Dok.E**) u certifikat tal-Baccellerat tar-rikorrent mahrug mill-Universita' ta' Malta (hawn anness u mmarkat **Dok.F**);

5. Illi r-rikorrent, li illum jirrisjedi fil-kunvent San Mark, Ir-Rabat, Malta fejn huwa maghruf bhala "**Father Josef**" u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi l-esponenti ghandu interess li l-Att tat-Twelid tiegħu kif ukoll l-Atti l-oħrajn kollha li huwa jista' jkollha fil-futur, ikunu jirriflettu l-isem li huwa u l-familjari tieghu konsistentament juzaw

bhala l-isem li bih jissejjah u huwa maghruf u cioe' l-isem "**Josef**" minflok "**Joseph**";

7. Illi ghalhekk l-esponent qiegħed jipprocedi sabiex issiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid tiewghu u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jiġi indikat u huwa jkun maghruf bħala "**Josef**" u dana a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta); u

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponent huwa konsistentament imsejjaħ u maghruf bhala " **Josef**" u mhux bhala "**Joseph**".

2. Tordna illi jsiru l-korezzjonijiet kollha neċessarji fl-Att tatTwelid tal-esponent li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3053/75, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tattwelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u huwa jkun maghruf bhala "**Josef**" minflok "**Joseph**".

3. Tordna illi l-Atti l-ohrajn kollha li l-esponenti jista' jkollu fil-futur ikunu jirriflettu l-isem li huwa, l-familja tieghu, sħab u kollegi fuq il-postijiet tax-xogħol konsistentament juzaw bhala l-isem li bih jissejjah u huwa maghruf u cioe' "**Josef**" minflok l-isem "**Joseph**".

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li huwa minn issa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, innumerat 3053/1975, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi huwa twieled f'Malta, fil-15 ta' Ġunju 1975, lil Carmelo u lil Concetta Sciberras, u li Joseph kien iddikjarat bħala l-isem li bih huwa għandu jiġi msejjaħ. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mill-istess rikorrent;

4. Illi kien il-missier, Carmelo Sciberras, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrent u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħatawlu huma Joseph, Emanuel, Angelo, Carmel. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid oriġinali, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, fejn hemm ukoll il-firma tal-missier bħala l-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni relattiva;

5. Illi r-rikorrent ipproċeda bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu, stante illi huwa ddikjara li minkejja li Joseph huwa l-isem li ingħatalu mill-ġenituri tiegħu, fil-ħajja ta' kuljum huwa konsistentement magħruf bħala Josef;

6. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, qed jiġi rrilevat illi n-numru progressiv tal-att tat-twelid in kwistjoni huwa 3053/1975, u għalhekk fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jitlob li ssir id-debita korrezzjoni ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi dejjem fir-rigward tat-tieni talba attriċi, fejn qed jintalbu korrezzjonijiet u annotazzjonijiet "f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

9. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, li tikkonċerna l-atti li l-esponent jista' jkollu fil-futur, qed jiġi sottomess illi l-esponent għandu biss kontroll fuq dawk l-atti li jsiru f'Malta, stante illi fir-

rigward ta' atti tal-istat ċivili li jinħarġu fl-esteru, kemm-il darba tintalab ir-reġistrazzjoni tagħhom f'pajjiżna, l-esponent huwa marbut li jirriproduċi *ad verbatim* l-informazzjoni riżultanti mill-atti esteri, *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'

**Ikkunsidrat:**

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 16 u 17 tal-process;

Fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat partikalarment l-invit tal-maghmudija tar-rikorrent li kjarament juri l-intenzjoni tal-genituri tieghu li jtuh l-isem ta' Josef li tispicca bl-ittra 'f' u mhux 'ph';

Semghet ix-xiehda tal-istess rikorrenti llum stess u x-xiehda wkoll ta' ohtu Grace Ellul;

Rat mill-istess xiehda illi r-rikorrent ilu fil-fatt sa minn tarbija maghruf bl-isem ta' Josef Sciberras u mhux Joseph Sciberras. Fil-fatt ohtu Grace Ellul ikkonfermat bil-gurament illi l-isem ta' Josef kienet hi stess li ghazlitu. Jirrizulta ghalhekk car lil din il-Qorti li

ghal xi raguni meta saret ir-registrazzjoni sar zball fis-sens illi flok l-isem li riedu jtuh il-genituri 'Josef' tnizzel l-isem 'Joseph'. Lil Qorti ma jirrizultaliex minn min sar dan l-izball.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent huwa konsistentament imsejjaħ u maghruf bhala " Josef" u mhux bhala "Joseph";

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi jsiru l-korezzjonijiet kollha neċessarji fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3053/75, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f'kull att iehor relattiv fil-poter tad-Direttur intimat u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u huwa jkun maghruf bhala "Josef" minflok "Joseph";

3. Tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-atti li jaqghu fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu

256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**8 ta' Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Novembru 2022**